II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/720

tad-29 ta' April 2021

li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Portugiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali li jew għandhom mandat elettorali ta 'awtorità reġjonali jew lokali jew huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Rui Jorge DA SILVA LEITE DE BETTENCOURT, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni bħala riżultat tat-tmiem tal-mandat tiegħu bħala membru ta' Eżekuttiv Reġjonali (*Governo Regional dos Açores*).

(4) Il-Gvern Portugiż ippropona s-Sur Pedro CHAVES DE FARIA E CASTRO, li huwa rappreżentant ta' korp reġjonali b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta (*Subsecretário Regional da Presidência do Governo Regional dos Açores*), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Pedro CHAVES DE FARIA E CASTRO, rappreżentant ta' korp reġjonali politikament responsabbli quddiem assemblea eletta: *Subsecretário Regional da Presidência do Governo Regional dos Açores*, huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS